MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Numru. 973/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**John Borg**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tlieta 14 ta' Ottubru, 2014**

Kumpilazzjoni Numru: 973/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Borg, iben Giovanna Borg, imwieled Birkirkara nhar it-23 ta' Jannar 1961 u residenti gewwa 22 Sanpusa Lane, Birkirkara detentur tal-karta ta' l-identita' numru 123061(M) talli nhar l-4 ta' Ottubru 2014 ghall-habta ta' l-17:00pm, gewwa Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' l-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-artikolu numru 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Wps Oriana Spiteri u Pc Mario Ciantar f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, ta' l-

istess Pc1078, liema hsara hija ta' natura hafifa, u dan bi ksur ta' l-artikoli 221(1) u 222(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Wps 50 Oriana Spiteri u Pc 1078 Mario Ciantar, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dan bi ksur ta' artikolu 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar il-31 ta' Ottubru 2012, mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona, liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta' artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Il-Qorti hija gentilment mitluba f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-hati bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistrat ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali tieghu li hija pjuttost ikkulurita, il-fatt li skuza ruhu ta' l-akkadut u fuq kollox il-fatt li l-imputat ghandu problema serja bl-abbuz ta' l-alkohol u anki droga. Ghalhekk l-imputat ghandu bzonn aktar minn kollox li jinghata ghajnuna biex jeghleb dawn il-vizzji tieghu bit-tama li jghix hajja ahjar u 'l boghod mill-kriminalita' u kwindi piena karcerarja fil-fehma ta' din il-Qorti mhix wahda idonea.

Ghalhekk il-Qorti tqis li hija ghandha timponi probation ghar-reati odjerni u li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fil-31 ta' Ottubru 2012. In vista ta' dan ikun opportun li waqt il-perjodu ta' probation l-imputat jigi indirizzat kif l-ahjar jista' jeghleb dawn il-vizzji.

Illi f'dan il-kaz ma kienx hemm involuti hlas ta' esperti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96(a), 221(1), 222(1)(c), 339(1)(d), 338(dd), 338(ee), 338(ff), 17, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta , fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment kif ukoll tikkundannah ihallas multa ta' €4,000 liema multa ghandha tithallas fi zmien tlett snin millum f'pagamenti mensili li jibdew jithallsu mill-ahhar ta' Novembru 2014 konvertibbli fi prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' hlas. Ghar-ragunijiet fuq espressi taghzel li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fil-31 ta' Ottubru 2012.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jhallasx il-multa.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u ta' l-atti lill-Avukat Generali skont il-ligi.

Tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------